MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1195/1990/1

**Joseph Gaffarena**

**v.**

**Michael Angelo Fenech**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Ottubru, 1990 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur ppremetta illi ghall-habta tal-bidu ta' Jannar, 1989 huwa, fi kwalita` tieghu ta'

direttur tas-socjeta` Planka Limited (produtturi ta’ konokos ‘ready mix’) ghan-nom u fl-interess ta’ l-istess socjeta` kien qed jinnegozja ma certu Michael Axisa sabiex huwa (l-attur) f’isem is-socjeta` Planka Limited jixtri sitt ingenji necessarji ghall-garr u trasport tal-konkos; illi wara li l-attur u l-imsemmi Michael Axisa kienu waslu ghall-ftehim dahal fix-xena l-konvenut Fenech f’ismu proprju li kompla bin-negozjati gia mibdija tant li wasal biex fit-23 ta’ Jannar, 1989 ipprezenta lill-attur, personalment, li skrittura privata (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘A’) li in forza taghha suppost kien qed isir il-bejgh tal-vetturi oltre kambjala ghall-ammont ta’ LM21,500 (wiehed u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin) favur l-istess konvenut personalment liema kambjala skadiet fit-23 ta’ April, 1989; illi l-attur la jaf jaqra u lanqas jikteb bil-lingwa Ingilza u cioe` dik uzata fl-iskrittura privata; illi wkoll il-konvneut personalment qatt ma seta’ jbiegh jew jittrasferixxi l-imsemmija vetturi stante li dawn ma jappartjenux lilu personalment izda lil socejta` kompletament estranea ghan-negozju li kien qed isir bejn il-partijiet; illi l-konvenut [recte: ‘attur’] gie ingannat meta ffirma l-imsemmija skrittura u kambjala tant li difatti hadd qatt ma traducihielu b’lingwa li jifhem izda qalulu biss biex iserrah rasu billi kull ma kien hemm imnizzel fl-iskrittura kien jirraprezenta dak li kienu ftehmu fuqu izda fil-fatt dan ma kienx il-kaz tant li per ezempju huwa (l-attur) qatt ma ttratta f’ismu izda f’isem is-socjeta` li kien jirraprezenta u ma kienx jaf li qed jixtri minghand il-konvneut meta dana ma setax ibiegh il-vetturi ghax ma kienux tieghu u dana kif jirrizulta mill-klawsola sebgha (7) ta’ l-istess skrittura; illi wkoll l-iskrittura tat-23 ta’ Jannar, 1989 hija legalment invalida stante li ma gietx imbollata kif titlob il-ligi “*ad validitatem*”; illi b’konsegwenza ta’ dak li gie premess jigi li l-attur ma xtara xejn minghand il-konvenut, li qatt ma seta’ jbieghlu xejn u ghaldaqstant l-attur m’ghandux jaghti lill-konvenut u b’hekk jigi illi l-kambjala ffirmata mill-attur fit-23 ta’ Jannar, 1989 hija nulla u bla effett; ghalhekk, premess dan kollu, l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-kunsens ta’ l-attur meta ffirma l-iskrittura privata u kambjala fit-23 ta’ Jannar, 1989 gie karpit bi frodi, ngann u errur;

2. tiddikjara nulla u bla effett l-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet li ggib id-data tat-23 ta' Jannar, 1989;
3. tiddikjara nulla u bla effett il-kambjala ffirmata mill-attur fit-23 ta' Jannar, 1989;
4. tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti jirritorna lill-attur l-istess kambjala.

Bl-ispejjez u bl-ingunjzoni tal-konvenut.

Bin-nota ta' l-eccezzjonijet tieghu l-konvenut eccepixxa illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-attur iffirma l-imsemmija skrittura u kambjala volontarjament u wara li gie spjegat lilu l-kontenut taghha u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tad-19 ta' Novembru 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, previa l-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, cahdet it-talbiet kollha attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur qieghed jintenta li jimpunja skrittura privata kif ukoll kambjala ffirmati minnu fit-23 ta' Jannar 1989 billi jippremetti li, meta ffirmahom, il-kunsens tieghu kien "gie karpit fi frodi, ingann u errur."

"Mill-provi akkwiziti jirrizulta li in forza ta' l-iskrittura <u>de quo</u> u l-kambjala, l-attur xtara u akkwista sitt vetturi – u precizament sitt "trucks" – sekonda man minghand il-konvenut ghall-prezz ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltija (LM21,500), kif jidher u elenkat fl-iskrittura esebita a fol. 7 u 8 tal-process.

"L-attur javvanza diversi ragunijiet il-ghala, skond hu, dawn id-dokumenti ffirmati minnu kienu vvizzjati. Hekk jallega li hu la jaf jaqra u lanqas jikteb bl-Ingliz "u cioe` l-lingwa uzata fl-iskrittura". Min-naha l-ohra pero`, il-konvenut ressaq provi biex juri kif l-attur ma resaqx ghall-ftehim wahdu imma ha mieghu lil certu Pawlu Zammit biex

jassistih, oltre li l-konvenut xehed li l-kontenut kollu ta' l-iskrittura gie moqri u spjegat lill-attur bicca bicca qabel ma l-attur ghadda biex jiffirma. L-attur jichad li xi hadd qralu l-kontenut ta' l-iskrittura imma jikkonferma li tassew ha mieghu lil Pawlu Zammit. Meta l-attur ma kienx sodisfatt bl-istat tal-vetturi li kien xtara – u wara li kienu ghaddew xhur mill-ftehim – hu ha l-iskrittura de quo ghand l-avukat tieghu u dan infurmah li hu kien gie ngannat ghax ma jafx jaqra u ma jafx skola xejn. Mistoqsi kif gie li hu kien akkumpanjat minn Pawlu Zammit, l-attur wiegeb hekk (fol. 37),

““*Jien hadtu mieghi ghax inzerta li kien fil-karozza mieghi”.*

“Pawlu Zammit min-naha tieghu, ghalkemm jikkorrobora lill-attur li l-iskrittura ma gietx imfissra jew moqrija minnu jew mill-konvenut, jikkontradixxi lill-attur fis-sens li hu jghd li huwa akkumpanja lill-attur ghax il-vetturi “*konna xtrajnihom minghand certu Fenech*”. Dwar l-iskrittura jghid hekk (fol. 144),

““*Jiena tajthom ukoll daqqa t'ghajn pero` ma nafx x'kienu ezatt u anqas ma naf x'kienet l-intenzjoni l-ghala gabulna dawk il-karti quddiemna. Kulma naf hu, li s-Sur Fenech kien qallu (i.e. lill-attur) biex jiffirmahom u s-Sur Joe qabad pinna u ffirmahom.”*

“Din il-Qorti ma ssibx kredibbli l-verzjoni tal-fatti kif moghtija min-naha attrici. Ma teskludix ghal kollox li kien hemm certu pressjoni biex l-attur ifittex jissigilla l-ftehim billi jiffirmah imma li tinghata l-impressjoni li wiehed jersaq ma' siehbu iehor biex jaghmel ftehim li jqum LM21,500 u ma jafx x'ikun qed jigri m'huwa verosimili xejn affattu.

“Illi, ghall-kuntrarju ta' dak li ried jaghti x'tifhem l-attur, mill-provi prodotti jemergi li dak li proprjament kien induca lill-attur biex jipprova jreggi luri [recte 'lura'] l-ftehim u jimpunja l-iskrittura kien il-fatt li wara kollox sab li l-vetturi li kien xtara kienu difettuzi – imma jekk stess dan kien minnu ma jfissirx li l-iskrittura giet karpita bil-qerq. L-attur stess jinkwadra r-retroxena shiha f'parti mid-depozizzjoni tieghu li ghandha aktar mill-attendibilita` mill-parti l-ohra

dwar allegat qerq – fol. 31 – imhajjar insistentement minn certu Michael Axisa – mhux mill-attur (*sic*) – biex jakkwista dawn il-vetturi, l-attur jispjega hekk,

““*Jiena kont nirrispondih li ghal dak il-mument ma kellix mohhom (i.e. il-vetturi). Ma kontx f'pozizzjoni finanzjarja biex nixtrihom ghax jiena kont ghadni qieghed narma l-impjant tieghi u allura ma kellix flus biex nixtri t-trakkijiet ukoll …..*”

“Fil-fehma tal-Qorti, din kienet ir-ragun vera li in segwitu induciet lill-attur biex jipprova jreggi lura kollox. Huwa jidher li ha lura ghand il-konvenut xi whud mill-vetturi billi telaqhom fit-triq u ma hallas xejn mill-prezz miftiehem. Il-konvenut fil-frattemp harrek lill-attur bl-azzjoni kambjarja u kien hawn, u mhux qabel, li l-attur bhal stenbah u beda l-procedura biex jannulla l-iskrittura u l-kambjala. Di fatti l-iskrittura u l-kambjala hgew iffirmati fit-23 ta' Jannar 1989, il-kambjala skadiet fit-23 ta' April 1989, il-konvenut imbaghad agixxa kontra l-attur odjern fit-28 ta' Gunju 1989 <u>bl-actio cambiaria</u>, filwaqt li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami fit-30 ta' Ottubru 1990 – u cioe` sena u ghaxar xhur wara li kien iffirmahom.

“L-attur jippremetti wkoll bhala kawzali li l-vetturi lanqas setghu jigu trasferiti ghax ma kienux proprjeta` ta' l-attur [recte ‘konvenut’]. Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li l-vetturi kienu jappartjenu lil zewg socjetajiet li fihom il-konvenut kien ko-direttur u azzjonista u li hu kellu ftehim mad-diretturi u azzjonisti l-ohrajn li l-vettur kollha gia` appartenenti lil dawn is-socjetajiet jinqasmu bejniethom, b'mod li s-sitt trakkijiet mixtrija mill-attur kienu gew assenjati lill-konvenut u li dan kellu l-awtorizzazzjoni li jbieghhom lil terzi. Kwindi, il-premessa li l-konvenut ma setax ibiegh lill-attur fil-fatt m'hijiex wahda fondata.

“L-attur jippremetti fl-ahharnett li l-iskrittura “*ma gietx imbollata kif titlob il-ligi <u>ad validitatem</u>”.* Dwar din il-premessa l-attur jelabora fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (ara fol. 199 tal-process) li, “*l-Artikolu 40 tal-Kapitolu 294 ….. jaghmilha cara li ma jista' jsir ebda trasferiment ta' vettura qabel ma jithallas il-boll. Dan il-*

*hlas in effetti ma sarx”.* Din il-Qorti ma tifhimx kif l-attur jista’ jinvoka tali kawzali meta ex admissis jirrizulta li sal-lum huwa ghadu ma hallasx lill-konvenut. Kif allura jista’ jippretendi li jithallas il-boll? Anke jekk stess kellu fl-ahhar mill-ahhar jithallas dan il-boll, ma jfissirx li sakemm jithallas li l-iskrittura giet “*karpita bi frodi, ingann u errur”!*

L-attur, minbarra s-suespost, jallega li huwa wara kollox qatt ma nnegozja f’ismu proprio imma dejjem ghal Planka Limited. Biex juru dan esebixxa l-Memorandum of Association – (ara Dok GC1 – a fol. 202 – 211 tal-process) – liema dokument, ta’ min jghid, jinsab redatt bil-lingwa Ngilza – dik l-istess lingwa li l-attur f’din il-kawza qieghed jadduci bhala raguni principali biex jimpunja l-iskrittura! In realta` jirrizulta li l-attur huwa bniedem midhla fix-xena tan-negozju u transazzjonijiet ta’ natura kummercjali. Jekk tabilhaqq hu kien daqstant sprovvist minn gharfien tal-kontenut bl-Ingliz u tal-portata legali ta’ l-iskrittura u tal-kambjala, allura kien messu ha l-istess dokumenti ghand il-konsulent legali tieghu qabel u mhux wara li jiffirmahom. Il-fatt wahdu li wara l-fatt, l-attur hass in-necessita` li jikkonsulta mal-legali tieghu juri bic-car li l-attur, fejn irid, kien jaf sew l-affarijiet tieghu u kif suppost ghandu jagixxi. Jirrizulta fil-fatt li l-pretensjoni dwar allegati “*frodi, ingann u errur*” tnisslet biss wara li l-attur ikkonsulta u ottjena parir mill-avukat tieghu. Il-provi juru li sakemm inqalghu l-intoppi bejn il-kontendenti, ma kienx ghad hemm xejn x’juri li l-attur kien qed jidher ghas-socjeta` Planka Limited u mhux f’ismu – fil-fatt jghid li lil Pawlu Zammit hadu mieghu ghax dan inzerta mieghu fil-karozza. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda prova li l-konvenut ma kienx qieghed jagixxi f’ismu proprio. Jekk wiehed jifli l-korrispondenza li baghat il-konvenut lill-attur biex jinterpellah ihallas – dok MAF2 u Dok MAF3, fol. 159, 160 tal-process, kif ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-azzjoni kambjarja maghmulha kontrih (Citazzjoni numru 747/89) (a fol. 157, 158 tal-process) isib li l-attur ma kienx qieghed jikkontesta tali fatt.

“Illi fl-ahharnett, il-Qorti diga’ semmiet din ir-rizultanza aktar qabel, dak li jidher li gara kien li l-attur ma hassx li

ghandu jibqa' ghaddej bil-ftehim tenut kont ta' l-istat tal-vetturi mixtrija – di fatti xehed hekk dwarhom fol. 34) –

"*Meta xbajt gej u sejjer u ghidtlu li mhux se nehodhom, qalli (il-konvenut) biex nehodhom u fetahli fil-fatt. Pero` t-trakkijiet li sibt hemmhekk ma kenux bhal li kont rajt jiena imma kienu kollha zarmati bicciet.*"

"Illi apparti li anke dwar din l-asserzjoni, jirrizulta li l-attur ha l-vetturi ghand mekkanik tieghu biex jigu spezzjonati qabel jixtrihom, il-fatt indiskuss jibqa' car li non si trattava ta' skrittura u kambjala karpiti bil-qerq. L-attur kien jaf ezatt x'qieghed jiffirma. Jekk imbaghad kellu ilmenti fondati x'iressaq dwar il-vetturi "sekonda man" li kien akkwista, l-azzjoni li messu intenta ma kellhiex tkun dik in ezami imma ohra."

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikorsipprezentata fis-6 ta' Dicembru, 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja d-decizjoni appellata billi thassar l-istess u filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut appellat tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat filwaqt li issotometta li s-sentenza hija gusta u timerita konferma u li konsegwentement l-appell ghand jigi michud bl-ispejjez jekk mhux ukoll ikkunsidrat bhala vessatorju u frivolu.

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li, ghalkemm fir-rikors hemm diversi aggravji elenkati, l-attur appellant ressaq aggravju wiehed biss billi bazikament qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li rrizultawlha.

Infatti l-attur jinsisti:-
a) li l-provi juru bic-car li l-vetturi in kwistjoni ma kienux intizi ghalih personalment billi dawn kienu intenzjonati

ghall-garr ta' konkos li huwa n-negozju tas-socjeta` Planka Limited.
b) li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata meta warbet l-element ta' frodi billi, dejjem skond l-istess attur appellant, huwa ma jifhimx il-lingwa Ingliza mentri li skrittura kienet redatta b'din il-lingwa, u l-attur ma nghatax il-possibilita` li jkun assistit minn persuna professjonali mentri x-xhud Pawlu Zammit ma kien ta' ebda assistenza fin-negozjati.
c) Li hemm dubbju dwar ix-xhieda ta' David Mifsud billi din tirrispekkja dak li qal l-istess konvenut.

Huwa principju generalment accettat li Qorti ta' l-Appell ma tissindikax l-operat ta' l-ewwel Qorti f'dak li jikkoncerna apprezzament ta' fatti sakemm ma tirrizultax xi ngustizja manifesta minhabba l-fatt li dak l-apprezzament kien manifestament zbaljat. Din il-Qorti, ezaminat il-provi prodotti u l-atti l-ohra processwali, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u fic-cirkostanzi, filwaqt li taghmel referenza ghas-sentenza hawn fuq riportata fejn gew esposti, b'mod tant lucidu u erudit, r-ragunijiet ghac-cahda tat-talbiet attrici, taghmel taghha l-istess ragunijiet u konkluzjonijiet li tikkondividi ma l-ewwel Qorti u b'hekk tikkunsidra l-appell bla ebda fondament.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur appellant, u peress li dan l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------